**30 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Anthony Micallef

*versus*

Erling Krogh Jacobsen

## Ċitazzjoni - Nullità Ta' - Art 156, 789(ċ) Tal-Kodiċi Ta' Organizzazzjoni w Proċedura Ċivili

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevvokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li kienet annullat iċ-ċitazzjoni attriċi u rrimettiet l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

1. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Ottubru, 1993, ippronunzjat din is-sentenza:-

'Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-21 ta' April, 1993, li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien impjegat bħala '*ordinary seaman*' mas-soċjetà konvenuta fuq il-vapur M.V. Zafiro (Dok A a fol. 7 tal-proċess);

Premess illi l-attur kien imġiegħel inaddaf il-'*Belges*', liema xogħol ma kienx jaqa' fid-doveri ta' l-impjieg ordinarju tiegħu, ossija dak ta' '*seaman*';

Premess illi a kawża ta' tali xogħol, l-attur korra u sofra disabilità ta' natura permanenti (Dok. B a fol. 5 tal-proċess);

Premess illi għalhekk, l-attur sofra danni ta' natura ta' '*damnum emergens*' u '*lucrum cessans*';

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli għad-danni li sofra l-attur fil-kors ta' l-impjieg tiegħu fuq il-vapur M.V. Zafiro;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bin-nomine ta' periti nominandi;

3. tordna s-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine ippreżentata fl-10 ta' Ġunju, 1993, li biha eċċepixxa:

1. Preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni stante li fid-dikjarazzjoni ġuramentata mill-attur isem l-esponenti huwa miżjud mingħajr ebda awtorizzazzjoni da parte tar-Reġistratur ta' dawn il-Qrati u inoltre lanqas ma jirriżulta min hu l-konvenut stante li isem is-soċjetà, fl-istess dikjarazzjoni, ma teżistix;

2. Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-permess illi t-talbiet attriċi huma insostenibbli stante li ma hemm l-ebda premessa li b'xi mod tallaċċja l-fatt li l-attur sofra d-danni minnu allegati tort tal-konvenut nomine; tali tort lanqas, almenu ma huwa desumibbli minn xi waħda mill-premessi;

3. Sussidjarament u bla preġudizzju għall-permess illi s-soċjetà konvenuta ma kinitx timpjega lill-attur kif allegat mill-istess attur; fil-fatt is-soċjetà konvenuta, kif jaf ben tajjeb l-istess attur, kienet biss l-aġent sabiex l-attur ġie ingaġġat fuq il-vapur;

4. Fl-aħħarnett u bla preġudizzju għall-premess illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż, apparte għar-raġunijiet imsemmija, anke minħabba l-fatt illi, se mai, *dato ma non*

*concesso* illi jeżistu relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-partijiet in kwantu jirriferixxu għal dan l-inċident, l-istess inċident ma ġara b'ebda tort ta' l-eċċipjenti u għaldaqstant it-talbiet attriċi huma insostenibbli fil-konfront tal-konvenut nomine;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi b'verbal tat-18 ta' Ottubru, 1993, intalbet il-korrezzjoni neċessarja a bażi ta' l-ewwel eċċezzjoni, u wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni, il-kawża baqgħet għad-deċiżjoni dwar din it-tieni eċċezzjoni;

Il-Qorti kkonsidrat:

Illi l-allegazzjoni tal-konvenut hija illi fiċ-ċitazzjoni ma jidher li hemm l-ebda premessa li b'xi mod tallaċċja l-fatt li l-attur sofra d-danni li huwa qed jallega bħala tort tal-konvenut;

Ikompli jgħid il-konvenut illi tali tort m'huwiex presumibbli minn xi waħda mill-premessi;

Il-Qorti kkonsidrat illi l-premessi taċ-ċitazzjoni għandhom jindikaw b'mod ċar u univoku dak illi l-attur qiegħed jippremetti bħala bażi u fondament għat-talbiet eventwali tiegħu;

Dak illi jidher illi qed jallega l-attur f'dan il-każ huwa illi huwa ġie mogħti xogħol differenti minn dak li ma kienx jaqa' fid-doveri ta' l-impjieg ordinarju tiegħu;

Iż-żewġ paragrafi preċiżi taċ-ċitazzjoni f'dan ir-rigward jgħidu hekk:

'Peress li l-attur kien imġiegħel inaddaf il- *'Bilges' (recte Bilges),* liema xogħol ma kienx jaqa' fid-doveri ta' l-impjieg ordinarju tiegħu, ossija dak ta' *'seaman'*;

'Peress illi a kawża ta' tali xogħol, l-attur korra u sofra disabilità ta' natura permanenti (Dok. B)';

Mela dak illi donnu qed jallega l-attur huwa illi l-fatt waħdu illi huwa kien imġiegħel jagħmel ħaġa li ma kinitx taqa' fid-doveri tiegħu, timporta bħala konsegwenza l-fatt illi huwa korra u sofra disabilità;

Issa huwa ċar illi din il-premessa ma tintrabat bl-ebda mod bħala kawżali ta' l-effett allegat mill-attur;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li ma tistax issalva ċ-ċitazzjoni in kwistjoni billi ma hemmx in-ness neċessarju bejn kawżali u talba.

Il-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut f'dan is-sens u tiddikjara nulla ċ-ċitazzjoni bħala insostenibbli';

2. L-attur appella għaliex issottometta illi l-premessi taċ-ċitazzjoni huma indikazzjoni ċara ta' dak li huwa jippretendi - li huwa ingħata xogħol li mhux suppost li kellu jagħmlu huwa, u għalhekk meta korra dan kien tort ta' minn qabbdu jagħmel dak ix-xogħol;

3. Is-sentenza appellata tikkwota dawn il-partijiet taċ-ċitazzjoni:-

'Peress li l-attur kien imġiegħel inaddaf il- *'belges'*, liema

xogħol ma kienx jaqa' fid-doveri ta' l-impjieg ordinarju tiegħu, ossia dak ta' *'seaman'*;

Peress illi a kawża ta' tali xogħol l-attur korra u sofra disabilità ta' natura permanenti',

u mbagħad tkompli:-

'Meta dak illi donnu qed jallega l-attur huwa illi l-fatt waħdu illi huwa kien imġiegħel jagħmel ħaġa li ma kinitx taqa' fid-doveri tiegħu timporta bħala konsegwenza l-fatt illi huwa korra u sofra disabilità;

4. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dak li qed jiġi allegat fiċ-ċitazzjoni huwa b'xi mod ġudikament insostenibbli. Kull persuna f'dak kollu li tagħmel hija preżunta li taġixxi b'mod kompetenti. Difatti l-Art. 1038 Kap. 16 jiddisponi illi:

'Kull min mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa jindaħal għal xogħol jew servizz, hu obbligat għall-ħsara li, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu, jikkaġuna lil ħaddieħor', u l-Art 1037 Kap. 16 jestendi r-risponsabbilità għad-danni kawżati minn nuqqas ta' ħila ta' impjegat, anki fuq minn jimpjega, jekk dan ikun jaf li l-impjegat m'għandux il-ħila neċessarja għax-xogħol li għandu jagħmel;

Għalhekk meta l-attur qed jallega li huwa korra għaliex ġie mġiegħel li jagħmel xogħol li għalih ma kellux il-ħila neċessarja, mhix xi proposizzjoni, li, bħala premessa:

'ma tintrabat bl-ebda mod bħala kawżali ta' l-effett allegat mill-attur',

għaliex ir-rabta loġika qegħda hemm u kjarament teżisti u dak li jrid jiġi eżaminat fil-kawża huwa jekk l-allegat għandux jew le validità ġuridika - *quod est videndum;*

5. Dak li però huwa diffiċli għal din il-Qorti li taċċetta huwa illi s-sentenza appellata annullat iċ-ċitazzjoni:

'billi ma hemmx in-ness neċessarju bejn kawżali u talba',

u dan għaliex din 'ir-raġuni' anki jekk valida ma timpurtax **in-nullità** taċ-ċitazzjoni għalkemm tista' eventwalment twassal għaċ-ċaħda tat-talba proprju għaliex mhiex suffragata mill-premessi jew kawżali avvanzati mill-attur;

In-nullità ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u estrema, u fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, ġeneralment dik in-nullità tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn difett ta' sustanza;

L-Art. 156 (1) Kap. 12 jiddisponi illi:

'Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha (a) tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba ............ ';

Issa, kif diġà ntqal, iċ-ċitazzjoni preżenti fiha tifsira ċara u sewwa ta' x'inhu l-oġġett in diskussjoni u x'inhi r-raġuni li għaliha qed issir it-talba. Jekk dak l-oġġett u dik it-talba jirriżultaw ġuridikament validi jew li hija kwistjoni oħra;

Dak li jitlob l-art.156 (10) huwa suġġett għall-kontroll, pjuttost loġikament sempliċi għalkemm rigoruż ta' l-art. 789 (c) ta' l-istess Kap. 12. fejn l-eċċezzjoni ta' nullità hija difatti regolata ħafna aktar dettaljatament minn kwalsiasi eċċezzjoni oħra;

In-nullità ta' l-atti ġudizzjarji hija limitata għal dawn l-erba' kapi:-

(a) nullità dikjarata espressament mill-liġi;
(b) nullità minħabba l-inkompetenza tal-Qorti;
(c) nullità ta' forma, u
(d) nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mill-liġi espressament;

In-nullità komminata f'din il-kawża tista' tkun biss dik ta' sustanza tal-kategorija (d), però kif diġà ntqal, din il-Qorti ma sabet li hemm ebda partikolarità essenzjali u neċessarja skond esiġenza espressa tal-liġi nieqsa fiċ-ċitazzjoni;

5. Tibqa' biss il-possibilità - għalkemm dan ma jittrapellax mis-sentenza appellata, li dak li qed tirritjeni s-sentenza huwa li dak li hemm nieqes fiċ-ċitazzjoni **jammonta** għal difett ta' forma. Imma difett simili jista' jkun determinanti biss jekk jirreka **preġudizzju irrimedjabbli** għad-drittijiet ta' difiża tal-konvenut - li ċertament m'huwiex il-każ f'din il-kawża. Fuq daqshekk il-Qorti tagħmel ampja riferenza għal sentenza relattivament riċenti tagħha fl-ismijiet Guido Vella A& C.E. - vs - Dr. Emmanuel Cefai tal-4 ta' Novembur, 1991, (Vol. LXXV.II.467);

6. Għalhekk is-sentenza appellata hija revokata u l-atti rinvjati quddiem l-ewwel Qnorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.

Spejjeż għall-appellata soċjetà.